# SJAF Magazine


***SJA FOUNDATION***
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com



**VO/0005/4th May 2008**

*a monthly e- magazine – Issue No.29, December 2009*




# Ir-Raba' Re

Skont leġġenda antika Russa, kien hemm erbgħa u mhux tliet Slaten Maġi li rħewlha għal għonq it-triq mil-Lvant biex isibu r-Re-Alla Tarbija.

Il-kewkba li kienet sejħitilhom baqgħet tiggwidahom matul il-vjaġġ twil imwiegħer tul bosta artijiet. Qlubhom tferrħu b'xewqa kbira għat-tarbija mbassra mill-għorrief eluf ta' snin qabel li kellha tkun l-Alla-Re u Feddej. Kull wieħed minnhom ġarr miegħu rigal ta' valur bla qies – Deheb, Inċens u Mirra. L-iżgħar fosthom, madanakollu, ġarr miegħu tliet ħaġriet prezzjużi. Mitluf fil-ħsieb kif kien, riekeb fuq iż-żiemel tiegħu, ir-raba' re waqa' lura u tbiegħed minn sħabu.

F'daqqa waħda sama' ħoss li ġiegħlu jieqaf u jdur lura. Hemm, biswit il-mogħdija, lemaħ tifel ċkejken jolfoq, bid-demm inixxi minn ħames ġrieħi ħomor. L-imsejken tifel tant kien jidher imwaġġa' u għadma u ġilda li r-Re żagħżugħ ħass qalbu tinqasam. Ġabru f'ħoġru u ħadu miegħu lura lejn ir-raħal li minnu kienu għadhom kif għaddew. Iżda t-tliet Slaten Maġi l-oħra baqgħu sejrin għal għonq it-triq. Tant kienu ħerqana jterrqu wara l-kewkba li ma kienu lemħu xejn. Ħadd mir-raħħala ma kien jaf liċ-ċkejken tifel. Ir-Re żagħżugħ ma straħx qabel ma sab mara ta' qalb tajba li kienet lesta ddewwi u ddur bit-tifel daqs li kieku kien binha. Sabiex jiżgura li t-tifel ma jkun jonqsu xejn, ir-Re qabad waħda mit-tliet ħaġriet prezzjużi u taha lill-mara. Kien hawn li ftakar lil sħabu t-tliet Slaten Maġi u ħaffef sabiex jilħaqhom ħalli jkompli jimxi wara l-kewkba.

Ħaġa ta' l-iskantament, għalkemm qalbu kienet bħal ġamra nar imxennqa biss biex tingħaqad mal-Feddej u tadurah, il-laqgħa tiegħu mat-tifel imsejken midrub fit-triq għamlitu konxju sewwa tal-miżerja tan-nies fil-bżonn li beda jiltaqa' magħhom fit-triq.
Hekk kif daħal f'belt oħra ra funeral għaddej. Mara kienet qed itterraq ma' wliedha wara t-tebut. Tant kienu mimlija dieqa u dispramenti li l-iżgħar Re reġa' waqqaf iż-żiemel u staqsa dwar il-familja mġarrba. Sab li kien ir-raġel ta' dik il-mara li kien se jiġi midfun. Kien ħaddiem imsejken li qatta' ħajtu jaħdem l-art ta' sid kiefer li, malli l-qaddej tiegħu miet, qatagħha li jifred lill-mara minn uliedha biex ibigħhom ilsira. Malli sama' dan, l-iżgħar Re qabad it-tieni ħaġra prezzjuża li kellu, ħeles lill-mara u lil uliedha, u xtralha biċċa art li bl-għelejjel tagħha hi setgħet tgħajjex lill-familja mingħajr it-theddida ta' skjavitù.

Iż-żagħżugħ Re kompla għal għonq it-triq. Qalbu ttaqtaq, ħares lejn l-uniku ħaġra prezzjuża li kien fadallu. Dehritlu rigal fqajjar wisq għar-Re-Alla Tarbija. Iżda sata' għamel mod ieħor? Dar dawramejt biex jara jilmaħx lill-sħabu t-tliet Slaten Maġi. Iżda ma rahom imkien. Fittex il-kewkba iżda ma lemaħha mkien. Ħassu tassew strumblat u qalbu sewda. Jewwilla kien għamel sew, jew forsi kien mar lura mill-wegħda li kien għamel?

Iżda lejla fost l-oħrajn, il-kewkba ħabiba reġgħet feġġet tiddi ġmielha – tant li ħassu jerġa' jimtela bil-ferħ u tama. Ir-Re u ż-żiemel lebbtu sew warajha. Il-vjaġġ wassalhom f'pajjiż jidwi bil-krib u d-damdim ta' gwerra. Wasal f'raħal fejn l-irġiel kollha kienu ġew mġiegħla jirtassu flimkien għall-qatla waqt li n-nisa tagħhom u wliedhom werżqu u bkew biki ddisprat. Ħares lejn l-aħħar ħaġra prezzjuża li kien fadallu. Kien se jkollu jasal quddiem is-Sultan Feddej tiegħu idu f'idu? Iżda x'sata' jagħmel aktar għajr li juża l-aħħar ħaġra prezzjuża biex jifdi l-irġiel kollha mill-mewt u r-raħal mill-qerda?

Kif raġa' rħielha għal għonq it-triq, beda jħossu għajjien mejjet. Il-ġojjelli li kien ġarr bħala rigal speċjali issa kienu għebu, ma kienx jaf fejn kienu waslu sħabu, u lanqas ma sata' jilmaħ aktar il-kewkba. Minn liema triq kellu jgħaddi? Ma kien baqagħlu l-ebda tama li jasal fejn xtaq. Minkejja d-dieqa u l-għeja li ħakmuh, baqa' jsibha bi tqila jibqa' għaddej mingħajr ma jieqaf jgħin lil dawk fil-bżonn. Matul il-vjaġġ baqa' jdewwi l-midrubin, iferraħ liċ-ċkejknin, u jħares lill-annimali maħqura mis-sidien tagħhom. B'dan il-mod, baqa' jħuf u jterraq għal bosta snin. Kien ilu li biegħ iż-żiemel fidil tiegħu u dak kollu li kellu. Kien sar fqir daqs dawk li kien jieħu ħsiebhom. Sa fl-aħħar wasal f'port kbir mal-kosta.

Hekk kif intrass mal-folol, sab mara b'ċorma tfal jolfqu bla ħniena. Żewġha, qaddej ta' sid qarrieqi u kattiv, kien irvella kontra sidu u issa kien se jittieħed marbut bil-ktajjen fuq xini biex jiskonta s-sentenza tiegħu fl-iskjavitù. Ir-Re, issa mdaħħal sew fiż-żmien, ma kien baqagħlu ebda mod kif jifdi lill-imsejken raġel. Sata' biss jitlob ħniena. Iżda ħadd ma ried jisimgħu. B'dispramenti u qtigħ il-qalb kbir offra li jieħu post ir-raġel bħala lsir fuq ix-xini. Mxekkel bil-ktajjen, poġġa fost kriminali u qadef imqadef tqal mat-taħbit tat-tnabar. Qalbu kienet vojta; ħassu mtarrax. Kien tilef triqtu, kien qassam ġidu, u issa tilef saħansitra d-dinjità umana tiegħu.

Iżda hemm, ġewwa moħħu, reġgħet iddiet il-kewkba. Qalbu fis ħfiefet u saħnet, u għaldaqstant intebaħ li kien għadu jterraq it-triq it-tajba. Dan l-għarfien baqa' jikkunslah matul is-snin twal ta' tbatija, u għenu jbiegħed l-imrar.

Għaddew bosta snin oħra qabel ma r-Re nħeles. Sajjied dħuli li kien joqgħod ma' xatt il-baħar tah x'jiekol u post fejn imidd rasu. Hekk kif qatta' l-ewwel lejl fuq l-art fil-gorboġ tas-sajjied, ħolom ħolma. Ħolom li l-kewkba reġgħet feġġet u sama' leħen iheġġu jqum bilġri. Qam. Ġera 'l barra fid-dlam. U hemm – hemm kienet il-kewkba! Iżda ma kinitx għadha tiddi bħal qabel. Stħajjilha ħamra bħax-xemx nieżla. Riġlejh ħfiefu u, bla ma jaf kif, sab ruħu f'ħakka t'għajn f'bieb belt kbira. Fit-triqat kien hemm għagħa, ħamba, għajat u suldati jkeċċu l-folla ta' quddiemhom. Il-folla tan-nies imxiet lejn naħa waħda. Ir-Re intilef fil-folla li imbuttatu magħha. Ħakmu biża' li ma bħalu u, meta sa fl-aħħar sata' jħares 'il fuq, ra għolja ċkejkna quddiemu bi tliet slaleb fuqha.

Hekk kif iċċassa lejhom, il-kewkba reġgħet feġġet u waqfet fuq is-salib tan-nofs. Għal darb'oħra bdiet tiddi – u mbagħad għebet.

## Paġna Poeżija

## *Milied għall-ħajjin mejtin*

Il-lejl qalil tad-deżert kien swied
sa fejn kont tista' tara
u xejn ma tisma' ħlief ċekċik il-għadam
u tħaxwix il-mixi tal-ħajjin mejtin

flok blat kont tħoss borġ ramel li għamel ir-riħ
ixxomm duħħan u gass li jfewweġ
mix-xmajjar vojta u għejjun nixfin

din l-art hi l-art fejn kulħadd kien għażel
u għazel il-mewt, u ħa li ried

u miet, jew mar mal ħajjin mejtin

minnufih għadda raġel, li kien għaraf -
ragel li kien qabel ma sar, u jagħder

li qalbieni daq id-dlam, u ħiemed -
li sab bla ma ħataf, u baqa' bla regħba
waqt li l-lejl urġenti baqa' ġewwa w madwar

lid-dlam iħobbu, u wkoll lill-ħajjin mejtin
u kull fejn għadda, dawl qalbu dawwal barra
fuq mogħdija qaddisa - u ġismu idda għabex
u mir-ramel b'riglejh ifforġa triq tal-blat



għax kien ġej, kien jaf, minn sisien il-qiegħ
mhux mitwieled, imsejjes mil-lok mnejn twieled il-lejl
il-lejl u l-jum, is-sura w il-baħħ...
fi bniedem imdawwal, jiddi d-dawl

u jdawwal lid-dinja kollha.* Il-passi tqal
tal-ħajjin mejtin jiħfiefu issa li l-lejl jinħall
u mogħdija sogħda taħkem ir-ramel ġieri
u jimxu aktar dritti, il-ħajjin mejtin

għad li mhux bi kburija...
waqt li toroq tal-azzard u toroq fi ċrieki jitqarrbu
u jiltaqgħu mas-sod, fil-mogħdija tal-milja tal-ħajja
u wħud, bil mod il-mod, sa bdew jaraw, minn ġewwa: ...

...raġġ dawl fid-dlamhom. U wara snin, xi wħud minn dawn
ħajjin, messew sisien saħansitra aktar fil-fond
u saru mhux imwielda, mhux maħluqin
mhux bħal ħajjin, u mhux mejtin

tony macelli

_______________

*(*) GThom 22*

# Attivitajtiet tal-Milied ta' SJAF

## Festin għall-Ħaddiema u Voluntieri

Nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru filgħaxija nġbarna xi mitt ruħ - ħaddiema tal-Fondazzjoni u Sorijiet tal-Karità - biex inqattgħu ftit ħin flimkien niċċelebraw l-għeluq ta' sena oħra ta' ħidma intensa. Dun Valent Borg qaddes il-quddiesa u għamlilna kelmtejn li ħeġġewna. Wara nġbarna fiċ-Ċentru Antida u, waqt riċeviment, tqassmu Ċertifikati t'Apprezzament lil voluntieri li ilhom sena jew aktar attivi f'xi wieħed jew aktar mis-servizzi soċjo-edukattivi li toffri l-Fondazzjoni.

Hawn huma xi ftit mir-ritratti tal-okkażjoni.









# Festin għal 64 persuni li naħdmu magħhom regolarment

Nhar l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, 64 persuna li naħdmu magħhom regolarment ħadu sehem f'festin tal-Milied sabiex nifirħu ftit flimkien. Xtaqna li stajna nistiednu lil mijiet ta' familji li appoġġjajna dawn l-aħħar sentejn u nofs iżda kien se jkunilna diffiċli. Sajjarna u servejna lill-familji aħna stess. Anna (it-Tutor tat-Tisjir tal-Programm Bridge) u uħud mill-istudenti tal-Bridge - Christopher, Roderick, Elsa, Gian Luca, Jonathan - ħadmu ħafna biex għenu fit-tisjir, fid-dekorazzjoni tas-sala tas-Sorijiet fejn sar il-festin, u fit-tqassim ta' l-ikel. Paul għen fil-ġarr tal-borom kbar u tqal bl-ikel u fit-tqassim u għinna wkoll biex bil-karozza tiegħu niġbru minn darhom lil xi persuni li ma tantx jistgħu jimxu.



L-ingredjenti tal-Menu ksibniehom minn diversi ħwienet b'xejn - u ta' dan nirringrazzjaw lill-Miriam li fi ftit sigħat irnexxielha ġġib wiegħda ta' ingredjenti - għaġin, laħam ikkapuljat, ħaxix iffriżat, tonn taż-żejt, xorb minerali u bosta affarijiet oħra. Minn hawn u minn hemm, bil-għajnuna wkoll ta' Sr Doris MacKay, il-providenza pprovditilna rigal għal kull familja mistiedna. Is-Sorijiet silfuna borom kbar, għamlulna pizez, silfuna l-użu tal-forn u tas-sala, żejnu s-saqaf tas-sala u ngħaqdu magħna bi ħġarhom biex jilqgħu u jifirħu bil-familji minn Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Raħal Ġdid u l-Fgura.



Sister Salvina, is-Superjura Provinċjali serviet lill-familji u ferħet b'kull min kien preżenti. Sr Rose daret b'kulħadd u baqgħet mal-familji sakemm ġie l-Vann għall-familji minn Ħal Kirkop. Kien sforz kollettiv ta' mħabba u ferħ min-naħa ta' ħaddiema u voluntiera. L-ispirtu ta' din l-okkażjoni ġagħalna nħossu fil-fond ta' qlubna l-ispirtu tal-Milied.



Grazzi lil kull min ħadem biex din l-idea titwettaq b'daqstant entużjażmu u dedikazzjoni.

# Festin għat-tfal tal-Homework Support Service

**Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru, it-tim ta' Tutors tal-Homework Support Service immexxija minn Jessie Spiteri organizzaw festin għat-tfal kollha li jibbenefikaw minn dan is-servizz. It-tfal ħadu gost u ferħu bir-rigali li qassmilhom Father Christmas. Grazzi kulħadd għal dan il-festin ta' kull sena! U grazzi Jessie tal-ippjanar perfezzjonist tiegħek u tat-tim!**













# Ikla f'Hotel għaż-Żgħażagħ tal-Grupp Outlanders tal-proġett ta' Ħal Kirkop

**Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru filgħaxija, Josef (Youth Worker), Ruth (Community Social Worker) u Nora akkumpanjaw grupp ta' żagħżagħ mill-grupp Outlanders imwaqqaf mill-Proġett ta' Ħal Kirkop f'Hotel għal ikla flimkien.**

**Sakemm wasalna l-Qawra, għaddejna minn maltempata qalila b'xita u rwiefen. L-ikla tħallset mit-'tokens' imġemmgħin miż-żagħżagħ mix-xogħol ta' tisbiħ fil-komunità tagħhom li jsir b'materjali provduti mill-Kunsill Lokali.**

**Il-parti tat-'tokens' imġemmgħin din id-darba ntużaw biex il-grupp jiċċelebra flimkien sena ħidma fi grupp.**





# Żjara ta' Jum f'Għawdex għall-uħud mill-parteċipanti tal-Programm Bridge

**Nhar il-Ġimgħa filgħodu kmieni, 8 mill-parteċipanti tal-Programm Bridge bakkru biex, flimkien mas-Social Workers Ruth u Kim, rikbu fil-vann misluf mis-Sorijiet tal-Karità u rħewlha għal jum Għawdex. Ħadd mit-8 ma kien qatt żar Għawdex qabel.**

**Ruth u Kim ħadu lill-grupp fil-Villaġġ tal-Milied f'Għajnsielem, f'uħud mill-Mużewijiet fiċ-Ċittadella, Ta' Pinu, għal ikla torot Għawdxin mingħand il-Maxokk u bosta postijiet oħra. Kien jum sabiħ għall-grupp kollu li serva biex kompla għaqqad ħbiberiji maħluqa permezz tal-opportunitajiet provduti liż-żgħażagħ mill-Fondazzjoni.**

**Grazzi Ruth u Kim tal-inizjattiva li ħadtu.**

## Community Outreach targeting socially excluded youth

Nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru, il-Fondazzjoni għamlet preżentazzjoni bl-isem ta' **Community Outreach targeting socially excluded youth** waqt Seminar ta' taħriġ għal Youth Workers u Youth Leaders organizzat mill-EUPA bit-tema

**Comfortably numb? - stirring action against poverty and social exclusion.**

Is-Seminar sar Mount St Joseph, Tarġa Gap u tħejja mill-istudenti tal-Masters in Youth & Community Studies ta' l-Università ta' Malta. Il-preżentazzjoni tal-Fondazzjoni trattat żewġ mudelli ta' Community Outreach żviluppati mill-Fondazzjoni f'żewġ lokalitajiet differenti, l-approach li tintuża fiż-żewġ lokalitajiet u profili ta' żgħażagħ foqra u kif dawn qed jiġu mgħejuna fil-prattika u b'liema riżultai.

## *KEMM KIENET GĦADA ŻGĦIRA*

Santa Govanna Antida kienet il-ħames wild. U mhux hekk biss; Jeanne Antide Vestremayr kienet il-parrina tagħha, u tgħatha isimha, bħal ma kienet l-użanza dak iż-żmien.

Din iż-żgħira Ġovanna Antida, kienet iddestinata li tbati ħajjietha kollha. Dan biex tkunu tafgħu xi kwalita ta' qaddisa għandna aħna, li qegħedin naħdmu u nimxu fuq l-istil tal-ħajja tagħha.

B'ħala tarbija, Ġovanna Antida kienet żgħira ħafna, u marradija wkoll. Għall ftit ta' snin mhux ħażin, li kieku ma kienux jarawa tieħu n-nifs, kienu jaħsbuha li mietet.

Biex tgħaxxaqa, darba waqqawha min idejhom, u qasmet rasa gravament. Fil-fatt, dik il-parti tar-ras, qatt ma telgħala xahar. U mhux dan biss. Darb' oħra tefugħa ġon-nar, fejn faċilment setgħet mietet maħruqa. Il-marki tan-nar baqgħu fuq idejha tul ħajjieta kollha.

Meta kibret daqsxejn, bagħatuha l-iskola, fejn ta tifla intelliġenti li kienet, tgħallmet taqra sewwa. Imma ħey, tafgħu x'ġara? Ara, ommha kienet marida ħafna, għall tul ta' żmien, u li fill fatt mietet meta t-tifla kella ħmistax il-sena.

Oudette,din iz-zijja tagħha, li kienet toqgħod magħhom, u li kienet injoranta, għajjura u supperva, u allura kollox kif tgħid hi ġo din id-dar, bla ebda mod ma riedet li t-tifla titgħallem tikteb. Hekk qagħlet Oudette," Li it-tifla tkun taf taqra, tajjeb, naqbel. Imma li tikteb le, ma naqbilx. Għax il-kitba sservi lit-tfajliet biex joqgħodu jibgħatu l-messaġġi bil-moħbi, lil xi irġiel ħżiena. Din Ġovanna Antida, aħjar tieħu ħsieb il-merħla, u dgawdi ftit arja pura, ħalli tgħamilla tajjeb għall saħħitha."

Għallum daqshekk. Dan għadu biss il-bidu tal-kalvarju tal-qaddisa tagħna.



Daniel Grech